MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 2465/1996/1

**Vincenza Muscat, bhala kuratrici *ad litem* ta' binha minuri Maurizio Portelli**

**Vs**

**Avv. Raymond Zammit u l-P. L. Madeleine Firman li b' digriet tas-26 ta' Gunju 1997 inhatru Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Mario Portelli; u d-Direttur tar-Registru Pubbliku; u Maurice Muscat.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-26 ta' Lulju 1996 li bih l-attrici *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fl-20 ta' Dicembru 1982, Vincenza Agius izzewget ma' Mario Portelli liema zwieg gie dikjarat null u minghajr effett b' sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili datata 28 ta' Jannar 1994 liema sentenza ghaddiet in gudikat (Dok. A);

U premess illi Vincenza Muscat ilha ma tiltaqa' ma' Mario Portelli mill-25 ta' Novembru 1989 peress li dan ma baqax jghix Malta;

U premess illi qabel ma gie dikjarat null l-ewwel zwieg ta' Vincenza Agius ma' Mario Portelli twieled il-minuri Maurizio, ta' sess maskili fil-25 ta' Settembru 1990 gewwa l-Isptar San Luqa, liema minuri, fil-procedura odjern, qieghed jigi rapprezentat minn ommu Vincenza Muscat (Dok. C);

U premess illi fuq ic-certifikat tat-twelid hemm imnizzlin bhala genituri tat-tarbija Mario u Vincenza dakinhar Portelli;

U premess illi Maurice Muscat huwa l-missier biologiku ta' dan it-tifel tant li l-istess Maurice Muscat irrikonoxxieh bhala ibnu permezz ta' dikjarazzjoni pubblika fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler ai termini ta' l-Artikolu 87 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta (Edizzjoni Riveduta);

Talbet ghalhekk l-attrici *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenut Maurice Muscat u mhux il-konvenut l-iehor Mario Portelli huwa l-missier biologiku ta' l-imsemmi Maurizio Portelli;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel dawk il-korrezzjonijiet necessarji u xierqa fl-att tat-twelid ta' l-istess tarbija Maurizio Portelli;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attrici *nomine* u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati pprezentata fit-22 ta’ Settembru 1997 li permezz taghha huma eccepew:-

Illi ma kienux edotti mill-fatti u talbu lill-attrici u l-partijiet jghaddulhom l-indirizz ta’ Mario Portelli;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess kuraturi deputati u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata fis-7 ta’ Ottubru 1997 li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi huwa ma kienx edott mill-fatti u jirrimetti ruhu ghall-provi salv li jkunu l-ahjar u skond il-ligi u sodisfacenti skond is-savji kriterji ta’ din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, l-attrici messa wkoll titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li t-tarbija giet legittimata permezz taz-zwieg sussegwenti tal-genituri naturali taghha, u cioe` Maurice Muscat u Vincenza, liema zwieg sehh fis-6 ta’ Mejju 1994 fil-Wardija;

3. Illi huwa ma kellux ibati spejjez;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tat-2 ta’ Novembru 1998 meta l-konvenut Maurice Muscat ammetta t-talbiet attrici, u rrinunzja ghad-dritt li jaghmel nota ta’ eccezzjonijiet;

Rat id-digriet tat-2 ta’ Novembru 1998 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi biex tigbor il-provi;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti f’ din il-kawza kif ukoll dawk prodotti fil-kawza citazzjoni numru 967/89 fl-ismijiet Vincenza *sive* Censina Portelli *nee*` Agius vs Mario Portelli *et nomine* (deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fit-28 ta’ Jannar 1994) liema process gie allegat mal-process odjern in forza tad-digriet tat-13 ta’ April 1999;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:

Huwa pacifikament ritenut illi tifel jew tifla li jkunu ghadhom ta’ eta` minuri jistghu jfittxu paternita` illegittima anke qabel ma r-ragel ta’ ommhom ikun ipprivahom mill-paternita` legittima taghhom (**Vol. II p 159; Vol. XXII P I p 177**). Dan “kemm-il darba l-istat taghhom legittimu ma jkunx marbut <u>tant</u> ma’ l-att tat-twelid <u>kemm</u> mal-pussess ta’ stat legittimu (*nomen, tractatus et fama*) f’ liema kaz l-istat legittimu lanqas ma jkun impunjabbli minnu stess” (“**Gerolama Busuttil *nomine* –vs- Direttur tar-Registru Pubbliku *et***”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 28 ta’ Frar 1977; “**Antonio Scerri Gauci –vs- Dottor Giovanni Scicluna *nomine***”, Appell Civili, 14 ta’ Jannar 1952);

Invece, kif jinsab ukoll ritenut, fejn ma jikkonkorrux flimkien iz-zewg estremi, jigifieri l-att tat-twelid u l-pussess ta’ stat, il-prova tal-filjazzjoni tista’ ssir bil-mezzi kollha konsentiti mil-ligi permezz ta’ provi ta’ fatt li jigu apprezzati mill-gudikant (**Vol. XXIV P I p 427; Vol. XXXII P II p 300; Vol. XXXVII P II p 768**);

Kif intqal minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "**Gino Camilleri *nomine* –vs- Maged Fawzy Mohammed El Shaer**", deciza fil-31 ta' Jannar 2003, "Huwa desumibbli minn dan fuq affermat illi fejn l-att tat-twelid jinsab f'kuntrast mar-realta` tar-rapport ta' filjazzjoni, l-impunjattiva hi ammissibbli. Dan in raguni ta' l-interess pubbliku ghall-iskop tac-certezza ta' l-istat familjari kif ukoll fl-interess tal-minuri stess". Huwa ghalhekk ukoll illi l-ligi tippreciza li l-azzjoni hi mpreskrittibbli (Artikolu 84 tal-Kodici Civili);

Issa l-provi processwali f'dan il-kaz jiddemostraw illi:-

I. Minn testijiet kondotti fuq l-i*sperm count* tal-konvenut Mario Portelli, zewg omm il-minuri, instab li dan kellu deficjenza ta' fertilita` fl-isperma tieghu (ara rapport kliniku a fol. 93 u x-xhieda ta' Dr. Raymond Fenech fil-proceduri per citazzjoni Numru 967/89);

II. Omm il-minuri u l-imsemmi zewgha kienu nfirdu *de facto*. Jinghad ukoll illi l-omm kienet bdiet proceduri ta' separazzjoni pero` imbaghad ma segwithomx. Dan presumibilment ghar-raguni illi fit-22 ta' Settembru 1989 hi ghaddiet ghall-procediment ta' l-annullament taz-zwieg, konkjuz bl-adezjoni tat-talba taghha bis-sentenza tat-28 ta' Jannar 1994;

III. L-omm saret taf lill-konvenut Maurice Muscat, l-allegat missier biologiku tal-minuri, u aktar tard zewgha wkoll, fl-1988 u mieghu tista' tghid bdiet tghammar mill-bidunett ta' din ir-relazzjoni. Dan hu konfermat ukoll mix-xhieda ta' Giovanna Agius, omm l-attrici, u tal-hbieb taghha Mary Micallef, Vivienne Gatt u Antoinette Decesare;

IV. Jirrizulta illi minn din ir-relazzjoni twieldu tlett itfal; l-ewwel wahda *still born* fis-16 ta' Lulju 1989, il-minuri *de quo* fil-25 ta' Settembru 1990, u tarbija ohra fl-20 ta' Gunju 1995. Ix-xhieda appena msemmija jsostnu lkoll illi t-tfal imwielda minn din l-unjoni huma "fula maqsuma" mal-konvenut Maurice Muscat;

V. Skond kif mistqarr mill-attrici hi ma kellhiex aktar rapporti sesswali ma' l-ewwel ragel taghha mill-1987 'il quddiem. In effetti jirrizulta wkoll mill-atti tal-kawza ta' l-annullament illi dan zewgha kien irritorna lura l-Ingilterra f' dawk l-istess zmenijiet u kif manifest minn twegiba tal-Kummissarju tal-Pulizija (ara ittra datata 24 ta' Marzu 1992) certament ma kienx irritorna lura, ghallanqas zgur minn Ottubru 1990. Gja fl-istess proceduri ta' l-annullament kienu tqabbdu kuraturi b' digriet tat-18 ta' April 1990 biex jirrapprezentawh f' dawk il-proceduri;

VI. Jirrizulta wkoll mill-provi illi l-konvenut Maurice Muscat kien prezenti waqt it-twelid tal-minuri u li hu kien irrikonoxxih bhala ibnu b' att ippubblikat minn Nutar Peter Fleri Soler fit-12 ta' Dicembru 1994 (fol. 150);

Premess dak hawn fuq espost kif rikapitulat mill-provi, il-Qorti hi sodisfatta illi l-effikacja preklusiva ta' l-att tat-twelid tal-minuri ma tinsabx sorretta f' dan il-kaz u allura l-Qorti ma tistax logikament issostni d-dettam ta' l-Artikolu 67 tal-Kapitolu 16 illi l-minuri *de quo* ghalkemm imnissel matul iz-zwieg "hu bin zewg ommu";

Tali konkluzjoni qed tigi raggunta in bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet:

(a) Ma jirrizultax illi meta l-minuri gie koncepit zewg ommu kien prezenti f' Malta, u allura wkoll l-presunzjoni l-ohra riferibilment ghat-twelid tieghu prospettata fl-Artikolu 68 tal-Kodici Civili lanqas ma tinsab sostenuta; anqas tinsab imwaqqa' b' prova kontrarja u konvincenti;

(b) Fuq kollox l-att tat-twelid tal-minuri jinsab newtralizzat mill-prova pozittiva tal-pussess ta' stat tieghu li l-Qorti tqisha wkoll konklussiva u rassikuranti bl-applikazzjoni ghall-fattezzi tal-kaz ta' l-Artikolu 80 tal-Kodici Civili. Din il-fehma hi konsolidata minn dawk il-fatti fuq traccjati li fil-kumpless taghhom jiddimostraw ir-relazzjoni bejn il-minuri u l-parentela li ghaliha jippretendi li jippartjeni;

Tenut rigward ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet hemm lok ghar-rettifikazzjoni mitluba mill-minuri fl-att tat-twelid tieghu.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tiddikjara b’ adezjoni ta’ l-ewwel talba illi l-konvenut Maurice Muscat huwa l-missier biologiku tal-minuri Maurizio Portelli;

Tordna konsegwentement il-korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid tieghu billi minnu jithassru kwantu ghal kolonna “Isem u Kunjom il-missier” il-kliem “Mario Portelli” u dawn jigu sostitwiti l-kliem “Maurice Muscat”;

Tordna wkoll li jithassru taht il-kolonni l-ohra l-konnotati relattivi ghall-imsemmi Mario Portelli u invece dawn jigu sostitwiti bil-partikolaritajiet relattivi ghal Maurice Muscat. Dan fis-sens li taht il-kolonna “Id-dokument ta’ l-Identita`” jitnizzel in-numru “58860(M) Maltese Identity Card Number”; fil-kolonna “Professjoni, sengha jew stat iehor”, “Electrician”; taht il-kolonna “Eta`”, “30”; fil-kolonna “Fejn Twieldu”, “Marsa, Malta”; taht il-kolonna “Fejn Joqghodu”, “Swieqi, Malta”; taht il-kolonna “Isem u Kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet”, “Emanuel Muscat (Alive)”;

Tordna finalment ukoll li taht il-kolonna “Isem u Kunjom” relattiv ghal “Vincenza Portelli wife of the said Mario Portelli” jithassru l-kliem “the said” biex b’ hekk din tigi taqra “Vincenza Agius wife of Mario Portelli”;

L-ispejjez kollha tal-kawza jibqghu a karigu ta’ l-attrici *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------